# Ċeklemfusa - Rakkont

Darba waħda kien hemm tfajla ħelwa. Kienet fqira ħafna u ommha u missierha kienu ilhom ħafna mejtin. Iżda qabel miet, missierha kien taha tliet affarijiet imsaħħra: qastna, ġewża u lewża. Kien għallimha tgħidilhom il-kliem tas-seħer biex meta jkollha bżonnhom, issibhom. It-tfajla kienet tibża' ħafna għalihom ħafna u kienet iżżommhom ġo borża dejjem marbuta ma' qaddha.

Billi kienet fqira Ċeklemfusa kellha biss libsa waħda li qatt ma kienet tkun tista' taħsilha. U meta n-nies kienu jarawha daqshekk imqattgħa u maħmuġa kienu laqqmuha Ċeklemfusa. U erħilhom jgħajruha: "Ċeklemfusa ... uff xi qrusa!"

Darba waħda Ċeklemfusa tant kienet imdejqa li marret tħabbat il-bieb tas-sultan u talbithom iżommuha seftura magħhom. Imma malli dak li ġie jiftaħ il-bieb għaraf min kienet, kien pront sabbtilha l-bieb f'wiċċha u qalilha:

"Fittex itlaq lil hemm. Ċeklemfusa ... uff xi qrusa!"

Ċeklemfusa nxteħtet fuq l-għatba tal-palazz u nfexxet tibki u tolfoq kemm tiflaħ. Malli l-prinċep sema' dak il-biki u l-ilfiq, ried ikun jaf x'ġara.

"Morru ġibuha quddiemi!" qalilhom il-prinċep.

Imma malli l-prinċep sar jaf li kienet Ċeklemfusa, beda wkoll jiddieħek biha u jinsultaha.

"Eh mela inti Ċeklemfusa, dik li n-nies dejjem isemmu u jiddieħku biha," qalilha. "Tajjeb, tajjeb, mela ibqa' hawn. Imma mur inħeba fil-kantina u qis li kuljum tnaddafli ż-żarbun u ġġibhuli jleqq u nadif tazza. Issa fittex mur minn quddiemi ja Ċeklemfusa ... uff xi qrusa!"

Ċeklemfusa issa kienet drat tisma' lil kulħadd jgħajjarha. Tal-anqas, fil-kantina tal-palazz kellha post fejn torqod u xi ħaġa sħuna x'tiekol. Bdiet taħdem kemm tiflaħ, tfarfar, tiknes u taħsel l-art. Imma l-qaddejja tal-palazz, il-prinċep u ommu xorta waħda kienu dejjem joffenduha u jinsultawha.

Darba waħda l-prinċep qalilha:

"Illum qis li ż-żarbun tnaddafhuli aħjar mis-soltu għax illejla rrid immur għal ballu kbir!"

"Ħudni miegħek. Ħudni miegħek," bdiet tgħidlu Ċeklemfusa.

Il-prinċep infexx jidħak biha u meta ra li baqgħet tiffittah tilef sabru. Qabad ħobża kbira li sab quddiemu u xeħithielha għal rasha.

Iż-żarbun naddfithulu u llustrathulu kif xtaq hu. Iżda meta sar il-ħin għall-ballu, Ċeklemfusa niżlet fil-kantina, inħaslet ħasla sewwa, imbagħad ħarġet il-qastna mill-borża u qaltilha:

*"Qastna, qastna saħħarija!*
*Isa, infetaħ issa għalija,*
*Tini l-libsa tas-smewwiet*
*Kollha mżejna bil-kewkbiet*
*U tibdilha b'ġawhar fin,*

*Karozzella b'żewġt iżwiemel kbar ħajjin,*
*B'kuċċier għaqli u żagħżugħ*
*Illi jsuqha daqs vapur b'mijiet ta' qlugħ!"*

F'daqqa waħda l-qastna msaħħra nfetħet u minnha ħareġ dak kollu li kienet talbitha Ċeklemfusa: libsa lewn is-sema bil-qamar u l-kwiekeb mimlja deheb u tiżjin, kullana tad-deheb, portmoni mimli flus, żarbun tal-fidda u karozzella biż-żwiemel u l-kuċċier. Ċeklemfusa rikbet ġo fiha u telqet lejn il-ballu.

Hekk kif daħet fis-sala, il-prinċep skanta jħares lejha. Qatt ma kien raha tfajla ħelwa bħal dik.

"Din hija t-tfajla ta' ħajti," qal bejnu u bejn ruħu. "Dik li ili tant nistenna!"

Talabha biex tiżfen miegħu u qattgħu l-lejl kollu jiżfnu flimkien. Imma f'daqqa waħda Ċeklemfusa qaltlu:

"Se jkolli nħallik! Issa sarli l-ħin."

"Le tħallinix," talabha l-prinċep, "ibqa' hawn ftit ieħor miegħi!"

U meta ra li dik it-tfajla baqgħet tinsisti li titlaq, il-prinċep ħareġ ċurkett mill-but u qalilha:

"Ħa, żomm dan iċ-ċurkett bħala tifkira tiegħi. Dan għażiż ħafna għalija. Kien tahuli missieri!"

"Grazzi minn qalbi," weġbitu Ċeklemfusa, "imma issa sarli l-ħin!"

"Tal-anqas għidli minn fejn inti," talabha l-prinċep.

"Jiena, jiena minn Art il-Ħobża," weġbitu.

U b'dal-kelmiet Ċeklemfusa telqet tiġri 'l barra.

Minnufih, il-prinċep qabbad lill-qaddejja tiegħu biex imorru warajha ħalli jaraw fejn kienet toqgħod. Iżda l-kuċċier ta' Ċeklemfusa beda jsuq b'kemm saħħa kellu u meta Ċeklemfusa rat li l-qaddejja kienu għoddhom laħquha fetħet il-portmoni u bdiet tixħtilhom il-flus kollha li kellha Il-qaddejja qatt ma kienu raw daqshekk flus. Waqfu jiġbruhom u ħallew il-karozzella sejra bil-kwiet fi triqitha.Meta Ċeklemfusa waslet lura l-palazz, poġġiet kollox lura fil-qastna u reġgħet libset il-ħwejjeġ maħmuġin ta' seftura. Imma ċ-ċurkett li taha l-prinċep ħadet ħsiebu sewwa. Refgħetu f'dik il-borża li kienet iżżomm imdendla ma' qaddha.

Il-prinċep tgħidx kemm irrabja magħhom meta l-qaddejja qalulu li ma rnexxilhomx jilħqu l-karozzella ta' dik it-tfajla ħelwa.

L-għada filgħodu, il-prinċep reġa' mar ifittex lil Ċeklemfusa fil-kantina.

"Illejla rrid nerġa' mmur għall-ballu," qalilha, "Ara qis li ż-żarbun tbaddafuhli aħjar mill-bieraħ. Irridu jleqq u jiddi!"

"Ħudni miegħek. Ħudni miegħek," reġgħet bdiet tgħidlu Ċeklemfusa u l-prinċep reġa' nfexx jidħak biha u jwaqqagħha għaċ-ċajt, u meta ra li baqgħet tiffittah ħataf sikkina kbira li sab quddiemu u xeħithielha għal rasha.

Meta sar il-ħin għall-ballu, Ċeklemfusa niżlet fil-kantina, inħaslet, ħarġet il-ġewża mill-borża u qaltilha:

*"Ġewża, ġewża saħħarija!*
*Isa, nfetaħ issa għalija,*

*Tini l-libsa bil-mewġiet*
*U bil-baħar u l-ħutiet*
*U tibdila b'ġawhar fin,*
*Karozzella b'żewġt iżwiemel kbar ħajjin,*
*B'kuċċier għaqli u żagħżugħ*
*Illi jsuqha daqs vapur b'mijiet ta' qlugħ!"*

U l-istess bħalma kien ġara l-lejl ta' qabel, minn ġol-ġewża ħareġ dak kollu li xtaqet Ċeklemfusa; u fuq kollox, libsa lewn il-baħar kaħlani, kollha, mewġ, ħut, ħlejjaq tal-baħar u mżejna b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż u deheb fin. U ġol-karozzela msaħħra, biż-żwiemel jiġru aktar mir-riħ, Ċeklemfusa telqet lejn is-sala tal-ballu.

Il-prinċep ried itir bil-ferħ meta reġa' lemaħ lit-tfajla ta' qalbu dieħla fis-sala. Tar għal fuqha, għannaqha miegħu u reġgħu qattgħu l-lejl kollu jiżfnu flimkien. Iżda meta l-ballu wasal fi tmiemu Ċeklemfusa reġgħet qaltlu:

"Issa sarli l-ħin. Se jkolli nħallik!"

"Le le tħallinix," reġa' talabha l-prinċep, "ibqa' hawn ftit ieħor miegħi!"

Imma Ċeklemfusa ma riditx taf.

"Ħa, żomm dan id-djamant!" qalilha l-prinċep. "Ħudu bħala tifkira tiegħi. Imma tal-anqas għidli fejn toqgħod. Għidli mnejn int!"

"Jiena minn Art is-Sikkina," weġbitu. U ħarbet tiġri 'l barra.

Il-prinċep reġa' bagħat lill-qaddejja tiegħu jsegwuha, imma meta Ċeklemfusa rat li kienu għoddhom laħquha, kienet pronta xeħtitilhom salt tabakk f'għajnejhom u ma setgħux jarawha. Malli waslet lura l-palazz, Ċeklemfusa għamlet l-istess bħal-lejl ta' qabel, u d-djamant li taha l-prinċep poġġietu fil-borża ħdejn iċ-ċurkett.

L-għada filgħodu, il-prinċep reġa' mar jagħti ż-żarbun lil Ċeklemfusa biex tnaddafhulu tindifa sewwa u meta din reġgħet bdiet tokroblu biex joħodha miegħu għall-ballu, il-prinċep reġa' tilef sabru u waddbilha ż-żarbuna għal rasha.

Dakinhar filgħaxija, ftit wara li l-prinċep telaq għall-ballu, Ċeklemfusa reġgħet inħaslet, ħarġet il-lewża mill-borża u qaltilha:

*"Lewża, lewża saħħarija!*
*Isa, nfetaħ issa għalija,*
*Tini l-libsa bil-wardiet*
*U bil-ħdura tal-werqiet*
*U tibdila b'ġawhar fin,*
*Karozzella b'żewġt iżwiemel kbar ħajjin,*
*B'kuċċier għaqli u żagħżugħ*
*Illi jsuqha daqs vapur b'mijiet ta' qlugħ!"*

Bla ma tilfet żmien xejn, libset il-libsa msaħħra, rikbet fil-karozzella u telqet. Dik il-lejla, il-prinċep mhux biss żifen magħha bħall-iljieli ta' qabel, imma meta ġew biex jinfirdu qalilha:

"Għadek ma ntbaħtx kemm inħobbok. Jaqaw inti ma tħobbnix. Jiena miġnun warajk. Ħa, żomm dan iċ-ċurkett!"

U fil-pront libbisha ċurkett bil-wisq isbaħ minn dak li kien taha fl-ewwel lejl. U meta reġa' talabha tgħidlu fejn kienet toqgħod u minn liema pajjiż kienet, Ċeklemfusa kienet pronta weġbitu:

"Minn Art iż-Żarbuna!"

U telqet.

Meta l-qaddejja reġgħu qaluli li ma kienx irnexxielhom jilħquha, il-prinċep ħass dwejjaq kbar. Inxteħet fis-sodda u ma ried jara lil ħadd. Lanqas ried imiss ikel ma' xofftejh. Ommu bdiet tinkwieta bil-kbir.

"Imma l-għaliex qed tagħmel hekk, ibni?" bdiet tgħidlu.

"Iva, jekk ma nerġax nara lil dik it-tfajla ta' qalbi, ma rrid naf b'ħadd," qalilha.

"Qum minn hemm u ejja kul xi ħaġa," reġgħet qaltlu.

"Le, ma rrid niekol xejn!"

Ommu kienet taf li l-aktar ħaġa li kien iħobb binha kienu l-buskuttini ħelwin u għalhekk qaltlu;

"Jekk nagħmillek il-buskuttini tikolhom?"

"Iva, dawk nikolhom," weġibha, "basta tagħmilhomli inti!"

Ommu ħadet ir-ruħ. Minnufih niżlet bil-kċina u bdiet tagħġen l-għaġina biex tagħmillu l-biskuttini li tant kien iħobb. Ċeklemfusa kienet taf b'kollox. Malli r-reġina warrbet ftit mill-kċina, kienet pronta ħadet tliet biċċiet għaġina, għamlithom biskuttini u ġo wieħed minnhom poġġiet l-ewwel ċurkett li kien taha, ġol-ieħor poġġiet id-djamant u ġol-ieħor qiegħdet iċ-ċurkett is-sabiħ nett. Meta kollox kien lest, Ċeklemfusa resqet fuq ir-reġina u qaltilha:

"Tridx immur noħodhomlok għand tal-forn!"

"Iva, mur," weġbitha r-reġina, "imma l-ewwel mur aħsel idejk sewwa, u ara ma tgħid lil ħadd li mort bihom il-forn, għax b'rasek idur!"

Ċeklemfusa qabdet il-pjanċa bil-biskuttuni u telqet biha lejn il-forn. Iżda l-buskuttini tagħha warrbithom għalihom. Meta waslet, lill-furnara qaltilha:

"Ara.. dawn il-biskuttini kollha baskathom u aħraqhom sewwa, imma dawn it-tlieta qis li taħmihom sewwa kif suppost!"

"Mela ibqa' hawn stenniehom," weġbitha l-furnara, "biex tara li kollox jiġi kif tixtieq!"

U hekk sar. Il-biskuttini tar-reġina ħarqithom u ġew ibsin ġebla, waqt li t-tlieta tagħha baqgħu sbieħ.

"Ara x'biċċa għamlitilna l-furnara!" qalet Ċeklemfusa lir-reġina. "Ara kif ħarqithomlna kollha!"

Tistgħu taħsbu r-reġina kemm irrabjat.

"Imnalla hawn dawn it-tlieta li ma nħarqux," qaltilha. "Tal-anqas lill-prinċep nista' nagħtih dawn. Issa se jkolli nerġa' nagħġinlu oħrajn ġodda."

U telqet tiġri bit-tliet biskuttini s-sbieħ lejn il-kamra ta' binha. Il-prinċep tgħidx kemm feraħ b'dawk il-biskuttini. Iżda malli qasamhom u ġo fihom beda jsib ir-rigali li huwa kien ta lit-tfajla ta' qalbu, baqa' bħal miblugħ.

“Fittex għidli min għamilhom dawn il-biskuttini,” beda jgħid il-prinċep lil ommu.

“Jien ibni! Min tridu jagħmilhomlok!”

“Mhux tassew!” qalilhom irrabjat. U minnufih urieha r-rigali li kien sab ġo fihom.

Ċeklemfusa kienet taf sewwa x’kien ġej għaliha. Fittxet marret tinħasel, ħadet il-qastna mill-borża u libset dik il-libsa s-sabiħa minn lewn is-smewwiet.

Ir-reġina sa fl-aħħar kellha tistqarrlu li kienet bagħtet lil Ċeklemfusa tieħu l-biskuttini l-forn.

“Morru fittxu ġibu lil Ċeklemfusa quddiemi!” qalilhom il-prinċep. Ċeklemfusa ma damitx ma tfaċċat quddiem il-prinċep. Imma issa ma kinetx għadha maħmuġa u bi lbiesha mqatta’. Dehret quddiemu bil-libsa tal-ballu.

Il-prinċep u ommu fehmu kollox u tgħidx kemm iddispjaċiehom li lil Ċeklemfusa kienu ttrattawha daqshekk ħażin. Talbuha taħfrilhom u wegħduha li jibqgħu jħobbuha għal dejjem. Minnufih bdew iħejju għat-tieġ, u hekk, bis-saħħa tar-rigali msaħħra li kien taha missierha, minn tifla fqira u mwarrba minn kulħadd, Ċeklemfusa sabet ruħha prinċipessa.

---